**A.L. 72 ta' l-1995**

## ATT DWAR L-UFFIĊĊJU TAL-POSTA
## (KAP. 254)

### Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Posta Lokali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 17 ta' l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Posta, il-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 35 ta' l-1985.

**1.** (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Posta Lokali (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1985 dwar Posta Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti jibdew iseħħu fl-1 ta' Ġunju, 1995.

Jemenda t-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fit-Tielet Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-partiti u l-figuri mill-kliem "Regolament 28" sal-kliem "*Maximum Card* (mhux użati) ..... 5c" għandu jidħol dan li ġej:

"Regolament 28

Prezzijiet ta' ***Stationery*** **ta' l-Uffiċċju tal-Posta**

| | |
|---|---|
| Inviloppi tar-Reġistrazzjoni | |
| Qies G ..... | 7c inkluża l-VAT |
| Qies H ..... | 8c inkluża l-VAT |
| *Aerogrammes* (Pakketti ta' 10) ... | 23c inkluża l-VAT |
| *Presentation Pack* ..... | 12c inkluża l-VAT + valur tal-bolli |
| *First Day Cover* (vojt) ..... | 8c inkluża l-VAT |
| *Souvenir Folder* (vojt) ..... | 6c inkluża l-VAT |

*fejn VAT tfisser it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*

*Maximum Card* (mhux użati) ..... 5c".